MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 2079/2002

***Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance plc,***
***surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Victor Zerafa***
***u l-istess Victor Zerafa***

***vs***

***Alfred Zahra***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' seba mija u sebgha liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm707.10c, rappresentanti in kwantu ghal Lm607.10 li hallset s-socjeta' *Elmo Insurance Agency Limited noe*. u Lm100, imhallsa minn Victor Zerafa in konsegwenza ta' ncident stradali li gara f'Bugibba fis-6 ta' Settembru 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq

vettura bin-numru ABF 16 habat mal-vettura numru GUN 129, proprjeta' ta' l-attur Victor Zerafa u misjuqa minnu, ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2002 u bl-imghax legali mil-24 ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr Mark Mifsud Cutajar ghan-nom ta' l-atturi, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe' Dokument MCC1 sa MCC6 konsistenti fir-ricevuti u *invoices* tat-tiswijiet kollha tal-hsarat rapportati fil-vettura ta' l-attur Victor Zerafa, kif ukoll kopja tas-*survey report* u ricevuta tal-*car hire service*.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija u sebgha liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm707.10c), kif mitluba, bl-imghaxijiet legali mill-24 ta' Gunju 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**